

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0013/2009

26.1.2009

RAPPORT

dwar it-tieni Analizi Strategika dwar l-Energija
(2008/2239(INI))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Anne Laperrouze

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	20
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN.....	24
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	28

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-tieni Analizi Strategika dwar l-Energija (2008/2239(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 bit-titlu "It-tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija – Pjan ta' azzjoni tal-UE għas-sigurtà u s-solidarjetà tal-enerġija" (COM(2008)0781) (minn hawn 'il quddiem magħrufa bħala "il-Komunikazzjoni dwar it-tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija"),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 bit-titlu "Lejn netwerk Ewropew ta' enerġija sikura, sostenibbli u kompetittiva" (COM(2008)0782),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 dwar l-implimentazzjoni tal-programm relatat man-netwerks trans-Ewropej tal-enerġija matul il-perjodu 2002-2006 (COM(2008)0770),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 dwar id-Direttiva 2004/67/KE tal-Kunsill tas-26 ta' April 2004 li għandha x'taqsam mal-miżuri biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali (COM(2008)0769),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 għal Direttiva tal-Kunsill li tobbliga lill-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet taż-żejt mhux raffinat u/jew ta' prodotti taż-żejt (COM(2008)0775),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 bit-titlu "L-effiċjenza fl-enerġija: il-kisba tal-mira ta' 20%" (COM(2008)0772),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ta-13 ta' Novembru 2008 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (riformulazzjoni) (COM(2008)0780),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija (riformulazzjoni) (COM(2008)0778),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza tal-użu tal-fjuwil u parametri essenzjali oħra (COM(2008)0779),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 bit-titlu "L-Ewropa tista' tiffirka aktar enerġija permezz tal-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-elettriku" (COM(2008)0771),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 bit-titlu "Enerġija mir-Riħ Lil hinn mix-Xtut: Azzjoni meħtieġa biex twassal għall-Għanijiet tal-

Politika dwar l-Enerġija għall-2020 u aktar 'il quddiem" (COM(2008)0768),

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2008 bit-titlu "Aġġornament tal-Programm Nukleari Illustrattiv fil-kuntest tat-tieni Analiżi Strateġika tal-Enerġija" (COM(2008)0776),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Jannar 2007 bit-titlu "Il-Limitazzjoni tal-Bidla Klimatika Globali għal 2 gradi Celsius: It-triq 'il quddiem għall-2020 u wara" (COM(2007)0002),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Jannar 2008 bit-titlu "20 għal darbtejn sal-2020: L-opportunità dwar it-tibdil fil-klima għall-Ewropa" (COM(2008)0030),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Jannar 2008 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (COM(2008)0019),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2008 bit-titlu "Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku" (COM(2008)0800),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2006 dwar il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill fid-dawl tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi orjentazzjonijiet relatati man-netwerks trans-Ewropej tal-enerġija u li tirrevoka d-Deċiżjoni 96/391/KE u d-Deċiżjoni 1229/2003/KE¹,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2007 dwar l-Evalwazzjoni tal-Euratom: 50 sena ta' politika ta' enerġija nukleari Ewropea²,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2007 dwar l-Istrateġija għal enerġija rinnovabbli fl-Ewropa³,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar Lejn politika barranija Ewropea komuni fis-settur tal-enerġija⁴,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2007 dwar is-Sorsi ta' enerġija konvenzjonali u t-teknoloġiji tal-enerġija⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008 dwar il-Pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-enerġija: it-twettiq tal-potenzjal⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2008 dwar il-Fond Globali għall-

¹ ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 114.

² ĠU C 76 E, 27.3.2008, p. 114.

³ ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 82.

⁴ ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 206.

⁵ ĠU C 263 E, 16.10.2008, p. 424.

⁶ Testi adottati, P6_TA(2008)0033.

Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli¹,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-teknoloġija tal-enerġija²,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/54/KE dwar regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku³,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/55/KE dwar regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali⁴,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerk għall-iskambji transkonfinali tal-elettriku⁵,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks tat-trasport tal-gassijiet naturali⁶,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2008 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija⁷,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-appoġġ għal turija minn kmieni tal-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija mill-fjuwils fossili⁸,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ottubru 2008,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-

¹ Testi adottati, P6_TA(2008)0096.

² Testi adottati, P6_TA(2008)0354.

³ Testi adottati, P6_TA(2008)0294.

⁴ Testi adottati, P6_TA(2008)0347.

⁵ Testi adottati, P6_TA(2008)0295.

⁶ Testi adottati, P6_TA(2008)0346.

⁷ Testi adottati, P6_TA(2008)0296.

⁸ Testi adottati, P6_TA(2008)0545.

opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0013/2009),

- A. billi kull politika Ewopea dwar l-enerġija trid timxi fuq tliet għanijiet prinċipali u tal-istess importanza b'mod integru, jiġifieri s-sigurtà tal-provvista u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, li tinkludi impenn qawwi għall-miri tal-UE stess u l-implimentazzjoni tagħhom, u l-kompetittività,
- B. billi tinħtieġ bidla sħiħa fil-mudell tal-politika dwar l-enerġija biex jinkisbu t-tliet għanijiet ewlenin, u li fl-istess ħin twassal għal soluzzjoni dwar l-impjegi, kif ukoll f'termini soċjali, ambjentali u ekonomiċi,
- C. billi d-dipendenza tal-UE minn sorsi tal-enerġija konvenzjonali u minn għadd limitat ta' produtturi tal-enerġija tippreżenta riskju serju għall-istabilità, il-prosperità u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija,
- D. billi ż-żieda fl-effiċjenza tal-enerġija għandu jkollha sehem ewlieni fit-tnaqqis tad-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-enerġija, fiż-żieda tal-kompetittività u fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima,
- E. billi illum id-domanda tal-UE għall-enerġija għadha qiegħda tiżdied fil-parti l-kbira tas-setturi, u minħabba f'hekk il-potenzjal tal-effiċjenza tal-enerġija fil-biċċa l-kbira għad mhux qiegħed jiġi sfruttat,
- F. billi illum l-UE timporta 50% tal-enerġija li tikkonsma u dan il-proporzjon jista' jilħaq is-70% sal-2030,
- G. billi r-riskji għas-sigurtà tal-provvista tal-UE jikbru minħabba n-nuqqas ta' viżjoni għal ekonomija bbażata fuq il-moderazzjoni fil-politika dwar l-enerġija u l-livell baxx tal-investment, b'mod partikulari fil-livelli lokali u reġjonali li qegħdin iwasslu biex, fis-setturi kollha tal-enerġija u f'dawk marbutin magħha, il-kapaċitajiet jiġġebbd u sal-limiti tagħhom, jew ma jkunux biżżejjed, u għalhekk il-faċilitajiet li jiġġeneraw l-elettriku jeħtieġ li jiġu rinnovati minn issa sal-2030 b'investment li hu stmat li jiswa EUR 900 biljun,
- H. billi n-nuqqas fil-livell tal-prezzijiet taż-żejt u tal-gass għandu effett negattiv fuq l-investimenti ppjanati, u b'hekk jinħtieġ l-appoġġ għall-proġetti ewlenin kollha tal-infrastruttura li jikkontribwixxu għall-importazzjoni ta' ammonti sinifikanti ta' gass fl-Ewropa, filwaqt li jkun diversifikati s-sorsi, ir-rotot u jkun evitati r-riskji ta' tranżitu,
- I. billi l-kriżi ekonomika preżenti qiegħda tkompli tostakola l-investment fl-infrastruttura tal-enerġija,
- J. billi minkejja li x-xenarju tal-Kummissjoni jipprevedi n-nuqqas fid-domanda ta' sorsi konvenzjonali fl-għoxrin sena li ġejjin, l-Ewropa jeħtieġilha tappoġġja l-investimenti ppjanati kollha fl-infrastruttura ġdida għall-importazzjoni tal-enerġija; dan għandu jiġgarantixxi tranżizzjoni sikura għas-sistema ta' enerġija Ewopea ġdida li mistennija tkun qiegħda taħdem sal-2020,
- K. billi mill-2030, sabiex jitnaqqas ir-riskju ewlieni tal-iskarsezza tal-enerġija mill-fjuwils

fossili, l-UE se jkollha tkun żviluppat u pprogrammat teknoloġiji ġodda tal-enerġija li jkunu kompetittivi, sostenibbli u b'livell ta' CO₂ baxx, filwaqt li tkun naqqset b'mod sinifikanti l-konsum tagħha tal-enerġija,

- L. billi l-UE għandha bżonn urġenti li tiżviluppa investimenti f'netwerks ewlenin u li tiffinalizza s-suq intern tal-enerġija, u billi xi inizjattivi għall-futur, bħall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni Ewropea u l-istabbiliment ta' netwerk Ewropew uniku tal-gass, għandhom ikunu inkoraġġuti,
 - M. billi s-settur tal-enerġija u l-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija għandhom bżonn qafas regolatorju stabbli u koperazzjoni iktar mill-qrib bejn ir-regolaturi nazzjonali,
 - N. billi l-iżvilupp tan-netwerks tal-enerġija huwa essenzjali għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista, li għandha tkun minn ta' quddiem fost il-prijoritajiet tal-politika tal-enerġija Ewropea,
 - O. billi s-setturi tal-elettriku u l-gass jeħtiġilhom qafas regolatorju li jkun stabbli u prevedibbli, u jkun meħtieġ li l-Aġenzija għall-Koperazzjoni bejn ir-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija") jingħatawliha setgħat qawwija biex tkun tista' tagħti l-kontribut tagħha għall-armonizzazzjoni tal-oqfsa regolatorji nazzjonali u biex tiġi evitata l-inċertezza li tista' toħroġ mill-proċeduri tal-komitoloġija,
 - P. billi biex ikun hemm kontribut għas-sigurtà tal-għanijiet tal-provvista, ir-riżorsi indiġeni konvenzjonali tal-UE għandhom jiġu sfruttati f'pajjiżi fejn ikunu disponibbli f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali u Komunitarja,
1. Jistieden lill-Istati Membri biex iqisu din l-Analiżi Strateġika tal-Enerġija bħala l-bażi għall-implimentazzjoni ta' politika tal-enerġija għall-Ewropa u li tistabbilixxi pjan ta' azzjoni ambizzjuż għal bejn l-2010 u l-2012;
 2. Jerġa' jikkonferma l-għan tripplu stabbilit għall-2020 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'20%, u bi 30% fil-każ ta' ftehma internazzjonali, ta' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b'mill-inqas 20% u l-kisba ta' mill-inqas 20% ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum aħħari tal-enerġija; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex isiru l-ekonomija bl-ikbar effiċjenza fl-enerġija sabiex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-kisba tal-għan tal-klima ta' 2°C; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'bejn 60 u 80% sal-2050; jistieden lill-Kummissjoni biex tfejji xenarji possibbli ta' enerġija, b'konsultazzjoni mal-partijiet kollha interessati, li juru l-modi li bihom dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu u li jstabbilixxu l-ipoteżijiet tekniċi u ekonomiċi li jkunu msejsa fuqhom;
 3. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jadottaw bħala għanijiet it-titjib ta' 35% fl-effiċjenza tal-enerġija u s-sehem ta' 60% ta' enerġija rinnovabbli;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-investimenti ppjanati kollha fl-infrastruttura ġdida ta' importazzjoni ta' enerġija u t-teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli sabiex tilqa' għat-tnaqqis fil-livell tal-prezzijiet taż-żejt u tal-gass li għandu effett negattiv fuq l-

investimenti ppjanati;

Politika Ewropea dwar l-Enerġija

5. Jistieden lill-Istati Membri, fid-dawl tar-riskji dejjem jiżdiedu li qiegħda tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni Ewropea f'termini ta' sigurtà tal-enerġija, biex jesprimu ruħhom b'vuçi waħda; jinnota li l-prattiki attwali tagħhom xejn m'huma adattati għal din l-aspirazzjoni; iqis li hu indispensabbli, fl-interess tas-sigurtà tal-provvista, is-solidarjetà u l-effiċjenza tan-negożjati u bil-ħsieb li jġi stabbilit qafas regolatorju internazzjonali, li l-Kummissjoni tipproponi lill-Parlament u lill-Kunsill it-tnejja ta' politika Ewropea tal-enerġija li tosserva b'mod xieraq il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri: ir-relazzjonijiet internazzjonali, l-effiċjenza tal-enerġija, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, it-tkomplija tal-iżvilupp tas-suq intern, in-negożjar tat-trattati internazzjonali, il-prospettivi u d-djalogu mal-produtturi u l-pajjiżi ta' tranżitu, ir-riċerka fis-settur tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' vuçi unika Ewropea li tindirizza lill-produtturi ta' pajjiżi terzi permezz tal-iżvilupp ta' interdipendenza li tkun ta' benefiċċju reċiproku u biex tappoġġja t-tisħiħ tal-kapaċità ta' kummerċ tal-kumpaniji tal-UE iktar milli dak ta' kumpaniji tal-istat ta' pajjiżi terzi;
7. Iqis li s-solidarjetà dwar l-enerġija għandha ssir preokkupazzjoni Ewropea kbira fil-livell Ewropew, reġjonali u bilaterali, u jikkunsidra li l-ħsara li ssir għall-provvista tal-enerġija fi Stat Membru tagħmel ħsara lill-UE kollha kemm hi;
8. Jisħaq fuq l-importanza ta' inizjattivi lokali fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima; japprova miżuri li jippromwovu l-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġiji rinnovabbli, bħall-programmi ta' finanzjament li jagħmlu sehem mill-politika ta' koeżjoni jew it-tassazzjoni ħadra, jew il-kontribut tal-"Patt tas-Sindki", u jappoġġja f'dan ir-rigward l-idea ta' "Patt tal-Gżejjer" għat-tixrid tal-aħjar Prattiki u l-iżvilupp ta' komunitajiet u bliet li jużaw enerġija effiċjenti ħafna u rinnovabbli;
9. Jemmen li politika tal-enerġija Ewropea xierqa għandha tkun fondata fuq taħlita ta' enerġija bilanċjata bbażata fuq l-użu ta' enerġija bla karbonju u l-fjuwils fossili bl-aktar emissjonijiet baxxi u fuq teknoloġiji ġodda li jnaqqsu b'mod drastiku l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn fjuwils fossili solidi;
10. Jikkunsidra li t-taqsim tax-xogħol bejn l-intrapriżi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi, fejn l-intrapriżi jieħdu responsabbiltà għas-sigurtà tal-provvista, għandu siwi bil-provi u għalhekk fil-prinċipju għandu jinżamm; jistieden lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet politiċi, minħabba li kulma jmur l-ambjent globali qiegħed isir aktar diffiċli, biex fil-futur jadottaw iktar miżuri li jakkumpanjaw operazzjonijiet tal-kummerċ;
11. Ifakkar fl-impenji li ntrabtu bihom l-Istati Membri meta ffirmaw it-Trattat ta' Liżbona għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u għall-ippraktikar tas-solidarjetà fi żminijiet ta' kriżi tal-enerġija;
12. Iqis li r-ratifika tat-Trattat ta' Liżbona se tkompli ssaħħaħ l-isforzi kollha biex tiġi stabbilita politika komuni Ewropea dwar l-enerġija;

Sigurtà tal-provvista

13. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan ta' azzjoni għas-sigurtà tal-enerġija u s-solidarjetà tal-UE;

Promozzjoni ta' infrastrutturi meħtieġa biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-UE

14. Jinnota dewmien kbir fit-twettiq tan-netwerks prijoritarji u ta' interess Ewropew tat-trasport u tal-enerġija; jenfasizza li din id-dgħjufija fl-investment tnaqqas il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u tagħmel mod li fis-setturi kollha tal-enerġija, il-kapaċitajiet ikunu mġebbda sal-limiti tagħhom jew ma jkunux biżżejjed; jinnota wkoll li l-industrija ma taħtix għal kollox għal dan u jitlob biex l-Istati Membri jinvolvu aktar liċ-ċittadini tagħhom, b'mod partikolari billi jgħarrfuhom dwar il-ħtiġijiet ta' infrastruttura ġdida u proġetti ta' ġenerazzjoni; jistieden, għalhekk, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jagħmlu dak kollu li jistgħu fl-oqsma tagħhom tat-teħid ta' deċiżjonijiet biex iħaffu l-investment;

15. Jinnota li l-Kunsill Ewropew stabbilixxa mira ta' 10% għall-kisba ta' kapaċità ta' interkonnessjoni tal-gass u tal-elettriku bejn l-Istati Membri;

16. Jilqa' b'mod pożittiv l-idea li jiżiedu l-finanzjamenti Ewropej sabiex jinkoraġġixxu l-investimenti fin-netwerks; jinnota b'interess il-proposta tal-Kummissjoni biex talloka - skont il-qafas tal-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku tal-2008 - EUR 5 biljun ta' baġits tal-2008/2009 li ma ntefqux, b'mod partikolari rigward il-konnessjonijiet ġodda tal-enerġija; jitlob biex ikun involut bis-sħiħ meta tkun se tittieħed deċiżjoni dwar il-lista finali tal-proġetti; jikkunsidra li l-Bank Ewropew tal-Investment għandu jkollu sehem iktar prominenti fl-għoti ta' fondi għall-effiċjenza tal-enerġija, għall-enerġija rinnovabbli u għal proġetti R&D;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu b'mod attiv biex iżidu l-għadd ta' operaturi fis-suq tal-enerġija u b'mod partikolari biex jadottaw miżuri biex jippromwovu l-produzzjoni tal-enerġija minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u d-dħul tagħhom fis-suq;

18. Jisħaq fuq l-importanza tal-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet tal-elettriku u l-gass fl-Ewropa ċentrali u tax-Xlokk, fuq l-assi mit-tramuntana għan-nofsinhar, filwaqt li jfakkar li n-netwerks fir-reġjun tal-Baħar Baltiku għandhom ikunu żviluppati u integrati fin-netwerk tal-Ewropa tal-Punent; jisħaq fuq il-bżonn ta' attenzjoni speċjali għall-iżvilupp ta' Pjan ta' Interkonnessjoni għall-Baltiku li jkopri l-gass, l-elettriku u l-ħażna fl-2009; jappoġġja wkoll il-bini ta' interkonnessjonijiet mal-gżejjer, ma' żoni mbiegħda u oħrajn iżolati fl-Unjoni Ewropea;

19. Iħeġġeġ, għall-istess raġunijiet, l-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet mal-Ewropa tal-Lbiċ, b'mod speċjali mill-Peniżola Iberika għat-tramuntana ta' Franza;

20. Ifakkar li konnessjonijiet transkonfinali diġà jeżistu bejn diversi pajjiżi; josserva li inizjattivi reġjonali bħall-Forum Pentalaterali ħolqu soluzzjonijiet prattiċi li jstgħu jintużaw u li jkabbru l-integrazzjoni tas-suq intern; jinkoraġġixxi lil dawk responsabbli

għal dawn l-inizjattivi biex ikompli bix-xogħol ta' fejda tagħhom;

21. Jilqa' l-inizjattivi mill-industrija li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern fl-enerġija permezz ta' proġetti transkonfinali;
22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri adegwati sabiex tinkoraġġixxi l-interkonnessjoni u l-iżvilupp tan-netwerks tal-elettriku biex tippermetti l-integrazzjoni ottimizzata u l-ibbilanċjar tal-produzzjoni varjabbli ta' enerġija rinnovabbli fuq l-art u 'l barra minnha;
23. Jilqa' l-proposta biex jitressaq pjan għal netwerk barra mix-xtut fil-Baħar tat-Tramuntana sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal enormi tal-enerġija tar-riħ; jilqa' f'dan ir-rigward ukoll il-ħolqien ta' netwerk Ewropew kbir ta' distribuzzjoni billi jgħaqqad l-infrastrutturi tan-netwerk tal-Baħar tat-Tramuntana, tal-Mediterran u tar-reġjuni Baltiċi;
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun hemm regolamentazzjoni xierqa u biex jippermettu l-aċċess mhux diskriminatorju għall-infrastruttura l-għdida, pereżempju, għan-netwerk li jinsab 'il barra mix-xtut fil-Baħar tat-Tramuntana;
25. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għal proġetti għad-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot tal-provvista, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' kuritur tal-gass fin-nofsinar li jinkludi n-Nabucco, l-Interkonnettur tal-Gass bejn it-Turkija, il-Greċja u l-Italja (TGI), u l-proġetti tal-Flussi tan-Nofsinar (South Stream); jisħaq fuq il-ħtieġa li ssir ħidma mal-pajjiżi kkonċernati, b'mod partikolari fir-reġjun tal-Baħar Kaspju; jikkunsidra ta' importanza kbira li għal żmien fit-tul, meta l-kundizzjonijiet politiċi jippermettu dan, provvisti minn pajjiżi oħra fir-reġjun, bħall-Uzbekistan u l-Iran, għandhom jirrappreżentaw sors sinifikanti ieħor ta' provvista għall-Unjoni Ewropea;
26. Huwa favur, minħabba n-nuqqas fil-produzzjoni tal-gass naturali domestiku u l-bidla fit-taħlita tal-enerġija f'ħafna Stati Membri, li l-proġetti kollha eżistenti ta' infrastruttura tal-gass naturali u l-elettriku li bħalissa huma ppjanati għandhom jiġu implimentati bil-ħeffa sabiex jiġi żgurat li d-domanda xorta tkun tista' tintlaħaq fil-futur;
27. Jikkunsidra li r-relazzjonijiet u s-šhubijiet mal-fornituri ewlenin tal-enerġija, mal-pajjiżi ta' tranżitu u l-pajjiżi li jikkonsmaw huma importanti u għandhom jiġu approfonditi; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, li l-approfondiment ta' dawk ir-relazzjonijiet u s-šhubijiet m'għandhom fl-ebda ċirkostanza jsiru għad-detriment tal-valuri li huma s-sisien tal-UE rigward, b'mod partikolari, l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-iżvilupp tal-fiduċja u rabtiet iktar fondi u li jorbtu legalment bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi produttori u ta' tranżitu għandhom jimxu id f'id mal-promozzjoni u l-osservanza tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt; jitlob sabiex jiġu żviluppati u adottati politiki u miżuri konkreti għal dawn l-għanijiet;
28. Jikkunsidra li kapaċità suffiċjenti ta' gass naturali likwifikat (LNG) li tikkonsisti f'faċilitajiet ta' likwifikazzjoni fil-pajjiżi ta' produzzjoni u t-terminals tal-LNG u l-gassifikazzjoni mill-għdid fuq il-vapuri fl-UE għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri

kollha, jew direttament jew permezz ta' Stati Membri oħra fuq il-bażi tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà; iqis li t-terminals il-ġodda tal-LNG għandhom ikunu kkunsidrati bħala proġetti ta' interess Ewropew minħabba l-kontribuzzjoni ewlenija tagħhom għad-diversifikazzjoni tar-rotot tal-provvista;

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti l-appoġġ totali tagħha għall-investimenti fil-konstruzzjoni ta' faċilitajiet strateġiċi ta' ħażna tal-gass, bħala element importanti tas-sigurtà tal-enerġija Ewropea;
30. Jemmen li l-kapaċità tar-raffinar taż-żejt tirrappreżenta fattur importanti addizzjonali fil-garanzija tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE; jinnota li għalhekk huwa importanti li jittejjeb il-livell ta' trasparenza tal-bilanċ bejn id-domanda u l-provvista għall-kapaċità ta' raffinar neċessarja sabiex taqdi l-bżonnijiet tal-UE, b'mod partikolari minħabba t-tħassib rigward il-potenzjal disponibbli tad-diżil fil-futur;
31. Ifittex, skont il-prinċipju tas-solidarjetà Ewropea fl-enerġija, li jiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista u tal-enerġija għar-reġjun tal-Baltiku fil-kundizzjonijiet ta' reċessjoni ekonomika;

Is-suq intern tal-enerġija

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu linji ta' gwida strateġiċi maħsuba biex ikunu applikati għal żmien twil, filwaqt li jinkoraġġixxu l-impriżi industrijali privati biex jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tagħhom, f'bilanċ bejn il-mekkaniżmi tas-suq u r-regolamentazzjoni;
33. Jisħaq fuq l-importanza tal-ħolqien ta' qafas legali ċar u stabbli billi, qabel it-tmiem ta' din il-leġiżlatura Parlamentari, jiġu ffinalizzati n-negozjati dwar il-pakkett leġiżlattiv dwar is-suq intern tal-enerġija; jappoġġja t-twaqqif ta' Aġenzija indipendenti, kif previst fil-proposta msemmija aktar 'il fuq, għal regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija, b'setgħat qawwija u indipendenti, li jinkludu setgħat marbuta mas-sigurtà tal-provvista u n-netwerks; jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni tat-tielet pakkett tal-enerġija, b'mod partikolari biex jibdew jikkoperaw bejniethom sabiex jippromwovu s-solidarjetà reġjonali u bilaterali għall-iskop tas-salvagwardja tal-provvisti sikuri fis-suq intern;
34. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw investimenti ta' netwerks ewlenin u biex jiffinalizzaw is-suq intern tal-enerġija permezz ta' xi inizjattivi li jħarsu 'l quddiem, bħall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni Ewropea u l-istabiliment tan-netwerk uniku tal-gass Ewropew;
35. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq 'il quddiem l-għan li jiġi żviluppat u li jitlestha netwerk tal-elettriku interkonness 'smart' sal-2020 bħala ingredjent importanti biex jintlaħqu l-miri tal-2020;
36. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkoperaw flimkien għat-tfassil ta' pjan strateġiku Ewropew sabiex l-investimenti meħtieġa jiġu pprogrammati b'mod pluriennali, biex jissodisfaw il-ħtiġijiet futuri tal-produzzjoni tal-elettriku, abbażi ta' studji tal-perspettivi

tal-bżonnijiet tal-enerġija fuq medda ta' żmien medju; jemma li pjan indikattiv pluriennali għandu jkun magħmul ukoll fis-settur tal-gass sabiex jipprovdi perspettiva ġenerali ta' rekwiżiti ta' investiment fil-livell Ewropew;

37. Jistieden lill-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti biex jikkonsultaw u jikkoordinaw pjanijiet futuri għal investimenti ta' infrastruttura transkonfinali (pereżempju, networks, pajpijiet, impjanti tal-enerġija) mal-partijiet rilevanti fil-pajjiżi kollha li jistgħu jkunu affettwati minn investimenti pjanati biex jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli; jikkunsidra li l-istabbiliment ta' Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Infrastruttura fil-livell Ewropew jgħin dan l-isforz ta' koordinazzjoni u jista' jissupplimenta l-iżvilupp ta' pjan ta' żvilupp ta' 10 snin għal netwerk, kif propost fil-pakkett tas-suq intern tal-enerġija;
38. Jenfasizza li l-finalizzazzjoni tas-suq intern tal-enerġija se tirnexxi biss jekk jitneħħew l-ostakli għall-investment u jinbnew il-konnessjonijiet fiżiċi li jorbtu lill-Istati Membri ma' netwerk tal-enerġija wieħed komuni, u jekk is-suq fl-aħħar mill-aħħar jagħmilha possibbli li tiġi evitata l-volatilità tal-prezzijiet tal-enerġija u biex jiġi żgurat suq ġust għall-ġeneraturi kollha u l-konnessjoni tan-networks, l-aċċess u l-integrazzjoni tal-produtturi u t-teknoloġiji l-ġodda tal-enerġija; jenfasizza li d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li ġiet riveduta dan l-aħħar u li tistabbilixxi skema għall-iskambju tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fi ħdan il-Komunità¹ tipprovdi, b'mod komprensiv u prevedibbli, evalwazzjoni tas-CO₂;

Ir-relazzjonijiet esterni tal-enerġija

39. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tieni Analiżi Strateġika tal-Enerġija, u b'mod partikolari l-proposti tagħha rigward il-politika dwar l-enerġija esterna, li b'mod ġenerali jikkonformaw mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament tas-26 ta' Settembru 2007 msemmija aktar 'il fuq; jesprimi d-diżappunt tiegħu għan-nuqqas ta' proposti dettaljati u jenfasizza għal darb'oħra l-bżonn għal intensifikazzjoni ulterjuri tal-isforzi tal-UE biex tiġi żviluppata politika barranija Ewropea komuni koerenti u effikaċi għall-enerġija, b'fokus imġedded għall-pajjiżi li jipproduċu l-enerġija;
40. Ifakkar li l-UE, anke bl-għajjnuna ta' pjanijiet ambizzjużi u implimentati b'mod rigoruż għall-effiċjenza u l-ekonomija fl-enerġija, x'aktarx li dejjem se tkun tiddependi għal tul ta' żmien medju minn pajjiżi terzi għall-provvista ta' fjuwils fossili; jitlob għalhekk li d-djalogu mal-pajjiżi produtturi, ta' tranżitu u pajjiżi oħra konsumaturi jissaħħaħ, u b'mod aktar ġenerali, li titjieb il-koperazzjoni fil-livell internazzjonali biex tiżdied it-trasparenza fis-swieq dinjija tal-enerġija u tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-iżvilupp sostenibbli;
41. Jinnota l-importanza ta' kuntratti ta' provvista għal żmien twil għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet fit-tul ibbażati fuq il-fiduċja bejn stati li jagħmlu l-estrazzjonijiet u l-istati li jixtru u biex jiġi garantit l-investment neċessarju fis-setturi tal-fażijiet kollha tal-produzzjoni;
42. Jistieden lill-UE biex tikkopera mal-pajjiżi tar-reġjun tal-Mediterran u tal-Afrika ta' Fuq, minħabba l-potenzjal kbir tagħhom fir-rigward tar-riżorsi tal-enerġija u l-opportunitajiet

¹ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

kbar ta' żvilupp għall-Afrika; jemma, b'mod partikolari, li l-użu tal-enerġija mix-xemx u r-riħ għandu jkun riċerka u inkoraġġut; jitlob, għalhekk, li l-għanijiet komuni għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija jkunu inklużi fil-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran;

43. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tikkopera mal-pajjiżi tal-Lvant Nofsani minħabba l-potenzal sinifikanti tagħhom fir-riżorsi tal-enerġija;
44. Jappoġġja l-intenzjoni li tiġi nneozjata ftehma ġdida fuq skala wiesgħa li tiegħu post il-Ftehma ta' Sħubija u Koperazzjoni tal-1997 mar-Russja, li tissupplixxi 42% tal-gass li timporta l-UE, 100% tal-gass impurtat mill-Bulgarija, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Istati Baltiċi, aktar minn 30% taż-żejt mhux raffinat li timporta l-UE u 15% tad-domanda għall-prodott distillat fl-UE; jinnotta li r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja huma bbażati fuq l-interdipendenza, u għandhom josservaw bis-sħiħ il-prinċipji tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-protokollu ta' tranżitu tiegħu, kif approvat ukoll fis-Samit tal-G8 li sar f'Heiligendamm;
45. Jenfasizza l-bżonn li l-Ukraina tkun inkluża fl-arranġamenti Ewropej għal djalogu kontinwu mar-Russja, minħabba s-sehem ewlieni tagħha bħala pajjiż ta' tranżitu;
46. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-estenzjoni tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija bejn l-UE u l-Ewropa tax-Xlokk għal pajjiżi terzi oħra u l-ħolqien ta' swieq reġjonali tal-enerġija ġodda skont il-mudell tal-Komunità tal-Enerġija tal-Ewropa tax-Xlokk ma' pajjiżi ġirien, bħall-Komunità tal-Enerġija Ewro-Mediterranja, sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista;
47. Jenfasizza l-bżonn li t-Turkija tkun inkluża fil-arranġamenti Ewropej għal djalogu kontinwu mar-reġjun Kaspjan–Kawkasu minħabba l-irwol prinċipali li jista' jkollha t-Turkija bħala pajjiż ta' tranżitu; itenni fl-istess ħin l-impenji tat-Turkija bħala pajjiż kandidat għall-allinjament mal-*acquis communautaire*;
48. Jenfasizza l-importanza ġeopolitika tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni u għad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija tagħha;
49. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrinforzaw ir-relazzjonijiet li jirrigwardaw l-enerġija mal-pajjiżi tal-Amerika Latina fil-kuntest ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni eżistenti u futuri;
50. Jistieden lill-Istati Membri biex jużaw l-euro bħala għodda ta' strukturazzjoni tar-relazzjonijiet finanzjarji internazzjonali sabiex jitnaqqsu l-varjazzjonijiet li ġejjin mill-fatturar tax-xiri taż-żejt u tal-gass; jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tistharregħ il-kwistjoni tal-investment barrani fis-settur Ewropew tal-enerġija permezz tal-applikazzjoni tal-klawsola ta' reċiproċità;
51. Jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza modi differenti li bihom l-instabilità tal-prezzijiet taż-żejt u tal-gass tista' tkun imnaqqsa; jinnotta b'mod partikolari l-irwol tat-trasparenza u l-kapaċità suffiċjenti ta' produzzjoni ta' riżerva kif ukoll l-effett katalitiku tal-ispekulazzjoni finanzjarja fuq il-formazzjoni tal-prezzijiet fis-suq; jiċħad l-użu ta' stokks strateġiċi taż-żejt biex jitnaqqas iċ-ċaqliq fil-prezzijiet għal raġunijiet ekonomiċi;

52. Jistieden lill-Istati Membri biex jintensifikaw u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom biex jiġu żgurati mezzi ta' provvista, speċjalment dawk marittimi;
53. Jistieden lill-Istati Membri biex jidentifikaw l-aqwa Prattiki fuq livell internazzjonali u biex iżidu l-koperazzjoni teknoloġika ma' dawn il-pajjiżi biex jissaħħu l-għerf u l-esperjenza f'dan il-qasam; b'mod partikolari, jistieden lill-Istati Membri biex jintensifikaw il-koperazzjoni teknoloġika tagħhom mal-Ġappun, liema ekonomija hija totalment dipendenti fuq l-importazzjoni tal-enerġija u li żviluppat waħda mis-sistemi ta' enerġija l-aktar effiċjenti fid-dinja;
54. Jinnota li l-ammont dejjem jikber ta' enerġija li ċ-Ċina qiegħda tikkonsma u l-emissjonijiet taċ-Ċina ta' gassijiet b'effett ta' serra jirrappreżentaw sfida enormi għall-miri ambjentali u għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; jitlob għal koperazzjoni aktar mill-qrib bejn iċ-Ċina u l-UE għall-promozzjoni tat-trasferiment ta' teknoloġija b'użu baxx tal-karbonju, b'mod partikolari l-effiċjenza tal-enerġija u l-għejjun rinnovabbli; jenfasizza l-importanza kruċjali tal-iżvilupp u l-użu tal-qbid u l-ħażna tal-karbonju (CCS) fiċ-Ċina, minħabba l-importanza tal-faħam għall-ekonomija tagħha;
55. Jinnota l-importanza tad-djalogu dwar l-enerġija bejn l-UE u l-OPEC u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tintensifika d-djalogu dwar l-enerġija man-Norveġja;

Modi ta' rispons għall-kriżijiet billi jkunu mmaniġġjati l-ħażniet taż-żejt u tal-gass

56. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħsieb tal-Kummissjoni li tirrevedi d-Direttiva 2006/67/KE tal-24 ta' Lulju 2006 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri li jżommu ħażniet minimi ta' żejt mhux maħdum u/jew prodotti petroliferi (verżjoni kodifikata)¹ u jipproponi l-pubblikazzjoni tad-dejta ta' kull ġimgħa u mhux aktar ta' kull xahar, sabiex tingħata viżibiltà lis-suq u biex tiġi evitata reazzjoni sproporzjonata għas-sitwazzjoni fl-Amerika;
57. Jilqa' b'sodisfazzjon, fid-dawl tal-kriżi riċenti li seħħet bejn l-Ukrajna u r-Russja li kkawżat tbatija fit-territorju tal-Unjoni, il-ħsieb tal-Kummissjoni li ttejjeb il-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE tas-26 ta' April 2004 rigward miżuri biex tkun salvagwardjata s-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali² u jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi emendi għal din id-Direttiva qabel tmien l-2009 skont il-linji proposti fil-Komunikazzjoni tagħha COM(2008)0769 imsemmija hawn fuq;
58. Jenfasizza li l-elementi ewlenin tar-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE għandhom ikunu obligatorji u għandhom jinkludu pjanijiet ta' azzjoni ta' emerġenza effettivi kemm nazzjonali kif ukoll tal-UE, li fost ħwejjeġ oħra jiddefinixxu dikjarazzjoni komuni ta' sitwazzjoni ta' emerġenza, l-allokazzjoni ta' provvisti disponibbli u l-kapaċità tal-infrastruttura fost il-pajjiżi milquta, id-dispaċċ ikkoordinat, l-attivazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza fi stati li ma jkunux milquta jew li jkunu milquta inqas sabiex jiżied l-ammont ta' gass disponibbli għas-swieq milquta; jidhirlu li hija ħaġa essenzjali li jittejjeb il-funzjonament tas-suq permezz tat-trasparenza u li tiżied id-disponibilità tal-gass fis-

¹ ĠU L 217, 8.8.2006, p. 8.

² ĠU L 127, 29.4.2004, p. 92.

suq; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw ħażniet ta' gass b'kapaċità ta' rilaxx ta' malajr;

59. Jipproponi li t-teknoloġiji tal-informazzjoni għandhom ikunu użati aħjar għall-qtugħ totali jew parzjali f'każ ta' kriżi u jqis, għal dan il-għan, li taħt il-kontroll tar-regolatur, tista' tiddaħal sistema li tkun kapaċi tnaqqas il-konsum fuq deċiżjoni kollettiva;

Effiċjenza tal-enerġija

60. Iqis li t-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija b'mill-inqas 20% sal-2020 huwa prijorità fil-kontribut għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u ta' kompetittività u huwa wkoll l-aktar mezz effettiv u ta' spiża effiċjenti ta' kif tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw immedjatament mira għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija li tkun torbothom bil-liġi ta' mhux inqas minn 20% sa l-2020; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintensifikaw il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u biex jagħmlu aċċessibbli informazzjoni Prattika dwar is-soluzzjonijiet ta' effiċjenza tal-enerġija li jridu jiġu adottati kif ukoll biex jipromwovu l-edukazzjoni dwar l-enerġija u programmi ta' taħriġ dwar l-enerġija fl-iskejjel u l-universitajiet fl-Unjoni kollha;
61. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni u infurzar f'waqthom u b'mod strett tal-leġiżlazzjoni dwar l-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija mill-Istati Membri u l-Kummissjoni; jenfasizza l-importanza li jiġu adottati miżuri mandatorji għall-kuntratti pubbliċi fil-livelli ta' Komunità u nazzjonali sabiex tiġi stimolata d-domanda għal prodotti u servizzi innovattivi li se jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; jitlob għalhekk għal approċċ ambizzjuż fil-leġiżlazzjoni li ġejja dalwaqt rigward l-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija (b'mod partikulari fis-setturi tal-bini, tal-industrija u tat-trasport u fir-rigward tal-ippjanar urban u tal-apparat elettriku domestiku);
62. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħsieb tal-Kummissjoni li tosserva mill-qrib il-progress tas-sħana u l-enerġija kkombinati flimkien (CHP), u jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta aktar miżuri ta' appoġġ bħala parti mill-eżami mill-ġdid tal-pjan ta' azzjoni għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-2009; ifakkar lill-Kummissjoni li l-iffrankar fuq l-enerġija primarja, l-effiċjenza fl-infiq tal-flus u s-sigurtà tal-provvista huma l-għanijiet prinċipali tal-proċess tas-CHP, tkun xi tkun it-teknoloġija li tintuża; iqis li għandu jitħalla f'idejn is-suq biex jiżviluppa u jagħżel it-teknoloġiji l-aktar effettivi; huwa favur l-iżvilupp ta' strateġija ta' promozzjoni u ffinanzjar għal infrastruttura bħal m'huma n-netwerks ta' tisħin u tkessiħ li jużaw riżorsi lokali bħall-enerġija ġeotermali u s-sħana koġenerata, pereżempju;
63. Jappoġġja s-sħubija internazzjonali għall-koperazzjoni fir-rigward tal-effiċjenza tal-enerġija, biex ikunu promossi standards aktar uniformi u biex ikunu inkoraġġiti objettivi dinjija ambizzjużi;
64. Jitlob għal użu aktar effiċjenti taż-żejt, speċjalment fil-qasam tat-trasport, li hu s-settur prinċipali li fih jintuża dan il-fjuwil; jitlob li jiġu adottati objettivi ambizzjużi għal perjodu ta' żmien medju (għall-2020) għall-effiċjenza tal-vetturi fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ifittxu teknoloġiji alternattivi tal-fjuwils u tal-propulsjoni, per eżempju magni tal-elettriku, għat-trasport tal-merkanzija u ta' passiġġieri individwali, speċjalment fiż-żoni urbani; iqis li jekk jirnexxilna naslu għal bidla sinifikanti fil-mod ta' kif jintuża t-trasport lejn għażliet li huma aktar favur l-ambjent, pereżempju

minn trasport privat individwali bit-triq għal trasport pubbliku, għandu jkun parti ċentrali mill-istrateġija tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fis-settur tat-trasport;

65. Iqis li approċċ li jkun "minn ta' quddiem" għall-vetturi mill-industrija tal-karozzi Ewropea jkun jgħin biex jintrebħu lura swieq internazzjonali, b'mod partikolari minn produtturi Ażjatiċi;
66. Jiddispijaċih li t-trasport bil-ferrovija jgħoddu biss għal 10% tat-trasport tal-merkanzija Ewropea; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu aħjar mit-trasport ferrovjarju u dak bl-ilmijiet navigabbli; jitlob għal sforzi aktar determinati biex tiġi stabbilita l-aħjar taħlita ta' trasport bil-ferrovija, l-ilma u t-toroq;
67. Jenfasizza l-importanza li tiġi adottata t-taħlita meħtieġa ta' miżuri ta' politika sabiex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija kemm tal-apparat elettriku domestiku eżistenti kif ukoll ta' dak għdid;

Użu aħjar tar-riżorsi indiġeni u tal-aqwa teknoloġiji tal-UE

68. Jaħseb li l-enerġiji rinnovabbli, bħar-riħ, il-bijogass, l-enerġija solari, mill-ilma, mill-bijomassa, dik ġeotermali u riżorsi marittimi, huma s-sorsi potenzjali l-aktar importanti tal-enerġija disponibbli għall-Unjoni Ewropea, li tista' tikkontribwixxi għall-istabbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija u għall-għieda kontra d-dipendenza dejjem akbar fuq l-enerġetija, u jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva li titressaq Komunikazzjoni dwar it-tneħħija għal kollox tal-ostakli li jfixxkl u l-enerġija rinnovabbli; jenfasizza f'dan il-kuntest li kull inizjattiva għdida m'għandhiex twassal biex proġetti eżistenti jiġu posposti;
69. Iqis li l-esplojtazzjoni tar-riżorsi fossili indiġeni, b'mod partikolari ż-żoni ta' gass naturali fuq l-art kif ukoll fil-baħar, tista' tagħti kontribut biex tiżdied l-indipendenza tal-Ewropa fl-enerġija u għandha tiġi żviluppata fejn hi disponibbli, f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali nazzjonali u Ewropea; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsibu l-bilanċ regolatorju ġust bejn is-salvagwardji tal-ambjent u l-opportunitajiet għall-produzzjoni fit-territorju tal-Unjoni kemm fuq l-art kif ukoll fil-baħar;
70. Ifakkar li, minħabba n-natura dejjem għaddejja tas-sorsi rinnovabbli, huwa essenzjali li tiżdied il-kapaċità għall-interkonnessjoni fil-livell ta' Komunità filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-Istati Membri u r-reġjuni li huma l-aktar iżolati f'ħdan is-suk tal-enerġija tal-Unjoni, bl-intenzjoni li l-Istati Membri jiġu pprovduti l-mezzi li jeħtieġu biex jilħqu l-mira ta' 20% ta' enerġija rinnovabbli sa l-2020;
71. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex jirrivoluzzjonaw ir-relazzjonijiet ta' bejn is-settur tal-bini u dak tal-enerġija permezz ta' pjan li jimmira li l-bjut tal-bini jintramaw bi strumenti għall-enerġija rinnovabbli bħal m'huma l-pannelli solari; Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex jipprovdu inċentivi lokali għall-użu ta' żjut użati u ta' riżorsi sostenibbli ta' bijomassa lokali, filwaqt li jiżguraw bilanċ xieraq bejn uċuh tar-raba' għall-enerġija u uċuh tar-raba' għall-ikel;
72. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament li jindika x'inhuma l-ostakli u

l-istandards tekniċi li qed iżommu lill-SMEs milli jinvestu fil-produzzjoni tal-enerġija u l-użu li dawn qed jagħmlu min-netwerks eżistenti għad-distribuzzjoni tal-enerġija prodotta b'dan il-mod;

73. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżid il-prijorità mogħtija lir-riċerka u l-iżvilupp fil-ħżin tal-elettriku, l-interkonnessjoni bbażata fuq l-ICT ta' faċilitajiet ta' ġenerazzjoni distribwita ("impjanti tal-enerġija virtwali"), is-sistemi ta' distribuzzjoni intelliġenti (*smart grids*) u ż-żieda fil-kapaċità tal-infrastruttura biex tkun tista' ssir il-konnessjoni prijoritarja tal-enerġiji rinnovabbli;
74. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi mill-ġdid il-politika Ewropea ta' sostenn għall-iżvilupp billi tintegra pilastru ġdid tal-enerġija; iqis f'dan il-kuntest li l-proġetti ta' impjanti solari fit-Tramuntana tal-Afrika jridu jkunu intenzjonati l-ewwel u qabel kollox biex jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali;
75. Ifakkar li kemm il-linjit u kemm il-faħam jibqgħu element **tranżizzjonali** importanti fit-taħlita enerġetika u fis-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni, minħabba riservi domestiċi kbar, bħala alternattiva għaż-żejt u għall-gass; Jisħaq madankollu li l-emissjonijiet ta' CO₂ tiegħu huma oġġla minn sorsi primarji oħra ta' enerġija; Jitlob għalhekk li jsir tnaqqis ta' emissjonijiet bħal dawn permezz tal-modernizzazzjoni tal-power stations permezz tat-teknoloġiji tas-CCS u jistieden f'dak il-kuntest lill-Kummissjoni beix tikkunsidra l-possibilitajiet finanzjarji kollha biex tibni it-tmax-il proġett ta' dimostrazzjoni sal-2015;
76. Jagħraf li t-taħlit tal-bijomassa għall-ħruq f'power stations moderni li jaħarqu l-faħam diġà qed jilħaq effiċjenza ta' 45%, u li jistgħu jilħqu livelli ta' effiċjenza ta' saħansitra 90% bl-użu tas-CHP; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jstabbilixxu inċentivi għaż-żieda fit-taħlit ta' fjuwils bijoġeniċi f'power stations li jaħarqu l-fjuwils fossili;
77. Jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni li skontha, hu importanti li jinżamm il-kontribut tal-enerġija nukleari fit-taħlita tas-sorsi tal-enerġija, u li minħabba dan għandu jiġi promoss bla dewmien it-twaqqif ta' qafas ekonomiku u regolatorju armonizzat li jiffaċilita t-teħid tad-deċiżjonijiet ta' investiment meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni tfassal pjan ta' direzzjoni speċifiku għall-investimenti nukleari; iqis li hu imperattiv li jinbeda dibattitu fi ħdan is-soċjetà, mingħajr ma jsir ġudizzju minn qabel tar-riżultat, dwar l-użu sikur ta' din il-ġhajn ta' enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, bħala parti integrali mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-adozzjoni mill-pajjiżi ġirien tal-*acquis communautaire* għas-sigurtà nukleari kull darba li jkun ippjanat impjant nukleari ġdid jew ikun immodernizzat impjant antik f'dawn il-pajjiżi;
78. Ifakkar l-importanza tal-enerġija nukleari, li tiġi prodotta fi 15 mis-27 Stat Membru u li tiġi wżata minn għadd jerġa' akbar, u li ttiprovdi għal madwar terz tad-domanda għall-elettriku fl-Unjoni Ewropea; ifakkar ukoll fis-sitt reatturi ġodda li qed jinbnew bħalissa f'erba' Stati Membri;
79. Jenfasizza li l-kompetittività tal-enerġija nukleari, li fil-parti l-kbira tagħha ma tiġix affettwata mit-tibdil fil-prezzijiet tal-fjuwil minħabba l-proporzjon żgħir tal-ispejjeż tal-ġenerazzjoni li l-fjuwil, l-uranju, jirrappreżenta;

80. Jenfasizza li l-industrija nukleari Ewropea tinsab quddiem nett fid-dinja fit-teknoloġiji kollha taċ-ċikli nukleari, speċjalment l-arrikkiment, li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni;
81. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pożizzjoni ta' appoġġ li ġeneralment tiegħu l-Kummissjoni fir-rigward tal-enerġija nukleari; jinnota, iżda, li ma tindirizzax b'mod adegwat il-kwistjoni ta' kif fl-aħħar niddisponu mill-iskart radjuattiv, minkejja l-importanza kbira ta' dan f'għajnejn il-pubbliku; jitlob lill-Istati Membri kkonċernati jżidu l-isforzi tagħhom biex isolvu l-problema tar-rimi finali ta' kull tip ta' skart radjuattiv, iżda speċjalment ta' skart li huwa radjuattiv ħafna;
82. Iqis li hija ħaġa essenzjali li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu assigurati li, fl-Unjoni, l-enerġija nukleari hija użata b'mod sikur u trasparenti, u fil-livell ta' sikurezza l-aktar għoli possibbli teknoloġikament b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-immaniġġjar tal-iskart nukleari; jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ta' proposta ġdida għal direttiva li twaqqaf qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-istallazzjonijiet nukleari; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżviluppaw mudelli u proċeduri flimkien mal-IAEA biex l-użu paċifiku tal-enerġija nukleari jiġi miżmum milli jwassal għall-proliferazzjoni tal-armi nukleari;***
83. Jenfasizza li la fil-Programm Nukleari Illustrattiv rivedut tagħha u lanqas fir-reviżjoni strateġika, il-Kummissjoni m'eżaminat l-iżvilupp tat-teknoloġija nukleari sal-2050, kif issuġġerit fid-dokument ta' referenza tal-Pjattaforma għat-Teknoloġija għall-Enerġija Nukleari Sostenibbli, kif ukoll l-importanza mogħtija lill-proġett ITER ta' fużjoni kontrollata;

Lejn l-2050

84. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jippjanaw politika Ewropea tal-enerġija li tippermetti konverżjoni massiva lejn teknoloġiji tal-enerġija li jagħmlu użu effiċjenti tal-enerġija u li għandhom emissjoni baxxa ta' karbonju biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-konsum tal-enerġija; jenfasizza li jekk l-effiċjenza tal-enerġija u l-ekonomija tal-enerġija jibqgħu prijorità, kif ukoll il-kontinwazzjoni għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli, se jkun possibbli li jintlaħqu l-ħtiġijiet għall-enerġija minn sorsi b'emissjonijiet baxxi sal-2050;
85. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li t-tranżizzjoni li qed titmexxa fid-direzzjoni ta' sistema ta' enerġija effiċjenti ħafna se timplika approċċ sistematiku bbażat fuq is-sinerġiji bejn setturi differenti; jenfasizza l-importanza ċentrali li l-miżuri kollha jiġu evalwati abbażi tal-kontribuzzjoni tagħhom biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂; jemmen li għal dan il-għan l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet lokali integrati għandhom ikunu prijorità;
86. Iqis l-isfidi globali u Ewropej fuq tul ta' żmien tal-enerġija u tal-bidla fil-klima bħala opportunità unika biex joħorġu mudelli ta' negozju ġodda fl-ekonomija kollha sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni u l-intraprenditorija ambjentali;
87. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studji tal-fattibilità ta' proġetti ta' żvilupp ta' pjattaformi tar-riħ fil-Baħar tat-Tramuntana kif ukoll tal-proġett ta' bini ta' impjanti solari fl-Afrika;

88. japprova, fil-qafas tal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġiji tal-Enerġija, it-tfassil ta' aġenda politika għall-2030 u ta' pjan tar-rotta għall-politika tal-enerġija fl-2050; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex tevalwa x-xejriet fil-kompożizzjoni tat-taħlita tal-enerġija skont diversi xenarji, fid-dawl tal-iżvilupp tad-domanda għall-enerġija, tar-riżorsi potenzjali ta' enerġija, tal-impatt ambjentali, tal-prezz ikkalkolat tal-enerġija u tas-CO₂;
89. Jitlob li l-pjan direzzjonali jagħmel possibbli l-orjentament tar-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-enerġija kif ukoll tal-edukazzjoni sabiex jitnaqqas il-prezz tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin tal-enerġija, u biex ikun żgurat is-suċċess tar-reatturi nukleari tar-raba' ġenerazzjoni tas-CCS u b'mod partikulari li tinstab alternattiva għaż-żejt għat-trasport, filwaqt li tenfasizza l-enerġija solari li hi riżorsa infinita;
90. Ifakkar il-ħtieġa li tiġi imħeġġa, b'mod kontinwu, ir-riċerka fuq it-transmutazzjoni tal-iskart nukleari u l-fużjoni nukleari bħala għajn ta' enerġija wara medda ta' żmien twila ħafna;

o

o o

91. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur tiegħek titlob li din ir-reviżjoni strateġika tal-enerġija issejjes il-bażi għall-implimentazzjoni ta' politika Ewropea ġenwina tal-enerġija, li għandha timxi simultanjament ma' tliet objettivi prinċipali:

- is-sikurezza tal-provvisti u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri
- il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima: nota tat-tfakkir tal-objettiv tat-3 għal 20 darba' għall-2020 u l-għan li l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jitnqqsu b'50 sa 80% sal-2050
- it-tkabbir ekonomiku tal-UE: Il-ksib tal-aħjar prezzi jiet filwaqt li tkun evitata l-volatilità tal-prezzijiet.

Is-solidarjetà Ewropea trid issir kwistjoni Ewropea ewlenija fil-qasam tal-enerġija: Il-ħsara li ssir fuq il-provvista tal-enerġija fi Stat Membru wieħed tal-UE tfisser ħsara fuq il-provvista tal-UE kollha kemm hi.

Is-sigurtà għal perjodu twil ta' żmien hi ta' tħassib fil-każ tal-fjuwils fossili li huma ż-żejt u l-gass. Kulma jmur qed ikun iktar u iktar aċċettat li l-produzzjoni dinjija x'aktarx li mhix se taqbeż l-100 miljun barmil kull jum (attwalment 87 m) fl-2030, filwaqt li l-ħtiġijiet huma kkalkulati li se jkunu ta' 120 miljun barmil kull jum dik il-ħabta. Hemm ir-riskju li sseħħ kriżi mill-akbar matul l-għaxar snin li ġejjin.

Ir-rapporteur tiegħek tilqa' b'sodisfazzjon l-idea li jiżdiedu l-finanzjamenti Ewropej bil-għan li jinkuraġġixxu l-investimenti fin-netwerks, filwaqt li tfakkar li l-investituri huma intrapriżi li kapaċi sostnu l-ispiża ta' investimenti bħal dawn u li l-livell tal-finanzjamenti Ewropej f'dan il-qasam ikun limitat għal ftit għaxrie ta' miljuni ta' ewro, filwaqt li l-investment meħtieġ fin-netwerks prijoritarji huwa kkalkulat li jiswa biljuni ta' ewro; titlob għalhekk, għat-twaqqif ta' fond Ewropew li jimmira li jiproteġi r-riskji mhux kummerċjali ta' ċerti proġetti ta' produzzjoni u tat-trasport tal-enerġija ta' interess Ewropew.

Ir-rapporteur tiegħek tapprova l-pubblikazzjoni ta' pjan għar-reġjun Baltiku dwar il-gass, l-elettriku u l-kwistjonijiet tal-ħżin bil-għan li jiżviluppa u jagħmel interkonnessjoni tal-infrastruttura fiż-żona Baltika; tappoġġja l-iżvilupp ta' linja tal-gass fin-Nofsinhar tal-Ewropa għall-provvista tal-gass mir-reġjuni tal-Kaspju u tal-Lvant Nofsani u tappoġġja l-proġett ta' *Blueprint* għal sistema ta' konnessjonijiet 'il-barra mill-art fil-Baħar tat-Tramuntana biex jingħaqdu bejniethom bosta proġetti tal-enerġija mir-riħ li jinsabu fil-baħar.

L-apprezzament pożittiv li għandha l-Kummissjoni lejn l-idea, difiża mill-Parlament Ewropew, ta' maniġer Ewropew inkarigat bil-ġestjoni ta' netwerk uniku ta' trasport tal-gass fl-UE kollha, hu pass interessanti ħafna skont ir-rapporteur tiegħek.

Tilqa' b'sodisfazzjon il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' klawnsoli "ta' interdipendenza tal-enerġija", fil-ftehimiet li ġew konklużi ma' pajjiżi produttori mhux Ewropej, proposta mill-Kummissjoni bħala l-istrateġija għall-Belarus, il-pajjiżi tar-reġjuni tal-Kaspju u għall-pajjiżi tal-OPEC.

L-UE illum il-ġurnata timporta 54% tal-enerġija li tikkonsma, u din iċ-ċifra tista' titla' għal 70% sal-2030.

Anki bl-implimentazzjoni ta' pjanijiet ambizzjużi ħafna u drastiċi tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-iffrankar tal-enerġija, l-UE xorta waħda se tibqa' tiddependi mill-provvisti ta' fjuwils fossili li jiġu minn pajjiżi terzi. Għaldaqstant, id-djalogu mal-pajjiżi produttori fil-qafas tal-Komunità tal-Enerġija u tal-Forum Internazzjonali tal-Enerġija jrid jiġi rinfurzat, b' mod partikolari f' dak li għandu x'jaqsam mal-koperazzjonijiet ma' sħab bħall-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun u l-Istati Uniti.

Bl-istess mod, l-UE trid tikkollabora mal-pajjiżi tal-Afrika tat-Tramuntana, minħabba l-potenzjal mill-akbar li għandhom dawn il-pajjiżi fil-qasam tar-riżorsi tal-enerġija u l-opportunitajiet sinifikanti għall-iżvilupp tal-Afrika.

B' mod iktar ġenerali, biex tizzied it-trasparenza fis-swieq dinjija tal-enerġija u biex tkun ittrattata l-kwistjoni ta' żvilupp sostenibbli, hija essenzjali l-koperazzjoni fuq skala internazzjonali, l-aktar ma' pajjiżi bħaċ-Ċina u l-Indja.

Ir-rapporteur tiffavorixxi bis-sħiħ approċċ immirat lejn il-konċiljazzjoni fid-djalogu mar-Russja, li tipprovi 42% tal-provvista tal-gass tal-UE, kif ukoll 100% tal-importazzjonijiet tal-gass fil-Polonja, fil-Finlandja u fil-pajjiżi Baltiċi. Ir-rapporteur tiegħek tqis li r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja huma bbażati fuq l-interdipendenza u li, fil-kontinwazzjoni tan-negożjati, l-UE għandha żżomm lura milli titlob li ssir ir-ratifika tal-Karta tal-Enerġija, filwaqt li tfakkar lill-awtoritajiet Russi fl-approvazzjoni tagħhom tal-prinċipji tal-Karta tal-Enerġija, il-prinċipji koperti minn ftehimiet bħall-adeżjoni mad-WTO jew il-problema partikolari tal-arrikkiment tal-uranju, li titlob negożjar speċifiku bejn l-UE, l-Istati Uniti u r-Russja.

Fir-rigward tat-tiġdid ta' sħubija mar-Russja, l-UE għandha tidħol fil-fond fil-koperazzjonijiet fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija, li ma jitkompliex jingħata n-nar lill-gass fl-industrija taż-żejt Russa u l-qbid u s-sekwestru tal-karbonju. Bl-istess mod, sabiex imexxu 'l quddiem il-proġett Ewropew tal-pipeline tan-Nabucco, il-proġett imissu jitwettaq b'koperazzjoni mar-Russja sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni bejn iż-żewġ pipelines tal-gass u sabiex fl-aħħar mill-aħħar tkun tista' twassal il-gass mir-Russja, l-Iran jew mill-baħar Kaspijan.

Hu importanti wkoll li tkun inkluża t-Turkija fl-arranġamenti Ewropej għal djalogu kontinwu mar-reġjun Kaspiju-Kawkau minħabba l-irwol fundamentali li jista' jkollu bħala pajjiż ta' tranżitu.

L-Istati Membri għandhom jsiru jafu li jekk l-UE tidher bħala konkorrent jew ostaklu għad-difiża tal-interessi strateġiċi u tal-enerġija Amerikani, it-tfittxija għar-riżorsi tal-enerġija fl-aħħar mill-aħħar se tiffaċilita d-dehra għall-ewwel darba ta' diverġenzi transatlantiċi. Ir-rapporteur tiegħek tqis li l-Istati Uniti qed tiżviluppa politika ta' dominazzjoni tas-swieq permezz tat-teknoloġija u se tipprova de facto li timponi n-normi tagħha fuq il-pajjiżi emerġenti u għaldaqstant titlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jibnu relazzjoni li tibqa' u ekwibrata fil-qasam tal-enerġija.

Ir-rapporteur tiegħek titlob lill-Istati Membri għal iktar trasparenza f' termini ta' tranżitu ta' kapital barrani, sabiex tkun limitata l-proliferazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji opaki.

Ir-rapporteur tiegħek tistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintensifikaw il-kampanji ta' għarfien marbuta mal-effiċjenza tal-enerġija u biex jagħmlu aċċessibli s-

soluzzjonijiet li jridu jiġu implimentati għax l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-iffrankar tal-enerġija tiddependi mill-adozzjoni teknoloġiji effiċjenti mill-ikbar numru ta' nies possibbli, iżda wkoll, b'mod oinseparabbli, mill-imġiba tal-individwi.

Ir-rapporteur tiegħek titlob li ssir l-evalwazzjoni mill-iktar fis possibbli tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali implimentati mill-Istati Membri sabiex jiddeċiedu b'mod konkret il-politiki u l-miżuri li se jħallu lill-UE tilħaq l-oġettivi malajr kemm jista' jkun. Tenfasizza għalhekk li din l-evalwazzjoni hi meħtieġa qabel l-implimentazzjoni tal-pakkett ta' inizjattivi l-ġdid tal-2008 propost mill-Kummissjoni fil-qasam tal-iffrankar tal-enerġija għall-effiċjenza tal-enerġija tal-bini, l-ittikkettar dwar l-enerġija, id-disinjar ekoloġiku u l-promozzjoni tal-koġenerazzjoni. Tapprova l-miżuri li jimmiraw biex jippromwovu l-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġiji rinnovabbli bħall-programmi ta' finanzjament li jaqgħu taħt il-politika ta' koeżjoni jew l-Ekotassazzjoni, jew il-kontribuzzjoni mill-“Patt tas-Sindki” biex jixxerrdu l-aqwa Prattiki.

Il-faħam jibqa' komponent tal-provvista tal-UE u alternattiva għaż-żejt u l-gass. Ir-rapporteur tiegħek tenfasizza madanakollu li l-ikbar żvantaġġ tal-faħam jinsab fir-rata għolja ta' emissjoni ta' CO₂ u li għaldaqstant, fl-istennija tar-riżultati tad-demostrazzjoni ta' sistemi ta' qbid u ta' ħżin tal-karbonju, kull impjant ġdid tal-elettriku li jaħraq il-faħam għandu jiġi awtorizzat biss jekk ikun meħtieġ u bil-kundizzjoni li jilħaq rekwiżiti għolja ta' effiċjanza.

Filwaqt li tapprova l-analiżi tal-Kummissjoni li hu urġenti li l-Istati Membri li għażlu, jew li fil futur se jaqgħdu, li joqogħdu fuq l-enerġija nukleari, jieħdu d-deċiżjonijiet ta' investiment meħtieġa u li l-UE għandha tkompli tiddirigi l-esplojtazzjoni tagħha minn perspettiva regolamentari, tistenna l-proposta li jmiss tad-Direttiva dwar is-sikurezza tal-istallazzjonijiet nukleari, bosta drabi msejja mill-Parlament Ewropew, b'kunsiderazzjoni tax-xogħlijiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Immaniġġar tal-Iskart Radjoattiv u tad-dibattiti fi ħdan il-Forum Ewropew tal-Enerġija Nukleari.

Ir-rapporteur tiegħek tilqa' l-inizjattivi konverġenti fil-qasam tar-riċerka dwar is-sigurtà u l-kompetizzjoni tal-istallazzjonijiet, is-sostenibiltà tar-riżorsi u t-tnaqqis tal-iskart radjoattiv, bħal m'hi l-Pjattaforma Teknoloġika dwar l-Enerġija Nukleari Sostenibbli (SNE-TP) kif ukoll id-diversi “inizjattivi industrijali Ewropej” illanċjati f'rabta mal-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET); titlob għall-implimentazzjoni bikrija tagħhom, sabiex tkun tista' taħdem malajr kemm jista' jkun l-“inizjattiva industrijali Ewropea dwar il-fissjoni nukleari sostenibbli”.

Ir-rapporteur tiegħek tqis ukoll li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħsbu fuq l-impatt li l-politika Ewropea dwar l-enerġija, l-iktar permezz tad-deċentralizzazzjoni tal-enerġija, se jkollha fuq l-iżvilupp reġjonali, fuq ir-rotot ewlenin tat-trasport u fuq l-infrastruttura ewlenija; tenfsizza li l-proġetti li jgħaqqdu ħafna tipi ta' enerġija rinnovabbli għandhom jiġu mħeġġa sabiex jibbilanċaw u jikkumpensaw għall-fatt li l-produzzjoni tagħhom li ħafna drabi tkun intermittenti.

Ir-rapporteur tiegħek tapprova l-oġettivi għal perjodu twil ta' żmien li jiġu limitati l-emissjonijiet tal-karbonju mill-produzzjoni tal-elettriku billi l-kapaċità ta' produzzjoni eżistenti jkunu sostitwiti, li tintemm id-dipendenza tat-trasport fuq iż-żejt, li jinbena bini li juża ammont baxx ta' enerġija u b'enerġija pożittiva, u li jinbena netwerk tal-elettriku interkonness intelliġenti. Tenfasizza li, filwaqt li l-effiċjenza tal-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija jibqgħu prijorità, u l-istess jingħad għall-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tal-enerġiji

rinnovabbli, mhux se jkun possibbli li jkun megħlub id-defiċit tar-riżorsi tal-enerġija sal-2030. Taħseb li jeżisti riskju serju ħafna ta' skarsezza tal-enerġija fuq skala globali mill-2030. Għalhekk tapprova, bħala parti mill-Pjan Strateġiku tat-Teknoloġija tal-Enerġija, it-tfassil tal-aġenda politika għall-2030 u pjan direzzjonali għal politika tal-enerġija fl-2050. Din is-sitwazzjoni toħloq il-ħtieġa li ssir evalwazzjoni tax-xejriet li jkun hemm fil-kompożizzjoni tat-taħlita tal-enerġija bejn l-2020 u l-2050 skont xenarji differenti, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni tad-domanda għall-enerġija, ir-riżorsi potenzjali għall-enerġija, l-impatti ambjentali, il-prezz ikkalkolat tal-enerġija u s-CO₂.

Rigward l-enerġija tal-ġejjieni, tfakkar fil-ħtieġa tat-tkegġiġ bla heda għar-riċerka dwar it-trasmutazzjoni tal-iskart nukleari u l-fużjoni nukleari.

Ir-rapporteur tiegħek titlob li l-pjan direzzjonali għall-2050 jagħmilha possibbli li r-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-enerġija jiġu orjentati sabiex jitnaqqas il-prezz tal-enerġija rinnovabbli, li jippermetti l-ħżin tal-enerġija (b'mod partikulari l-elettriku), li jagħmel suċċess mir-reatturi nukleari tar-raba' ġenerazzjoni, li jsib alternattiva għaż-żejt għat-trasport, u li jenfasizza l-potenzjali tal-enerġija solari.

20.1.2009

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar it-Tieni Analizi Strateġika dwar l-Energija
(2008/2239(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Giorgos Dimitrakopoulos

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-Tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija, u b'mod partikulari l-proposti tagħha dwar il-politika esterna dwar l-enerġija, li b'mod ġenerali huma konformi mar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-26 ta' Settembru 2007 bit-titlu "Lejn politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija"¹; jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar in-nuqqas ta' proposti dettaljati u jenfasizza għal darb'oħra l-bżonn għal intensifikazzjoni ulterjuri tal-isforzi tal-UE biex tiġi żviluppata politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija koerenti u effettiva b'fokus imġedded fuq pajjiżi li jipproduċu l-enerġija;
2. Jikkunsidra li l-istabbiliment ta' politika barranija Ewropea għall-enerġija tagħmilha ħaġa possibbli li l-UE titkellem b'vuċi waħda u tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni internazzjonali tagħha dwar kwistjonijiet fil-qasam tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tidentifika u tipproponi mekkaniżmi konkreti biex tissaħħaħ u tiġi rfinuta l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-UE għall-istabbiliment ta' pożizzjoni u messaġġ komuni; jitlob lill-Kummissjoni biex tgħaġġel xogħolha u li tippreżenta proposti konkreti mill-iktar fis possibbli;
3. Iqis, li l-Ewropa għandha sservi ta' mudell fejn jidħlu s-sostenibilità u l-effiċjenza enerġetika, u li għalhekk l-Unjoni Ewropea għandha tiegħu rwol prinċipali fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika madwar id-dinja u barra minn hekk

¹ ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 206.

għandha tesporta l-għarfien u l-kompetenza tagħha f'dan il-qasam; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi uttilizzat dan il-potenzjal, speċjalment fi djalogu bilaterali ma' pajjiżi emerġenti bħaċ-Ċina u l-Indja;

4. Jikkunsidra li r-relazzjonijiet u r-rabtiet ta' sħubija mal-fornituri ewlenin tal-enerġija, il-pajjiżi ta' tranżitu u l-pajjiżi li jikkonsmaw huma importanti u għandhom jissaħħu; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, li t-tiżiħ ta' dawk ir-relazzjonijiet u r-rabtiet ta' sħubija m'għandu fl-ebda ċirkostanza jsir għad-detriment tal-valuri li fuqhom ġiet imsejsa l-UE fir-rigward, b'mod partikolari, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza f'dan ir-rigward l-iżvilupp tal-fiduċja u ta' rabtiet iktar fondi u li jorbtu legalment bejn l-UE u l-pajjiżi produttori u dawk ta' tranżitu li jimxu id f'id mal-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt u mar-rispett lejhom; jitlob sabiex jiġu żviluppatti u adottati politiki u miżuri konkreti għal dawk l-għanijiet;
5. Jinnota b'sodisfazzjon każijiet fejn diġà hemm integrazzjoni regolatorja u integrazzjoni tas-swieq (eż in-Norveġja) u jenfasizza l-importanza tal-politiki li qed jiġu żviluppatti għall-bini ta' suq integrat f'partijiet oħrajn tal-Ewropa (eż l-Ewropa tax-Xlokk); jemmen li tali integrazzjoni tas-swieq se tkun strumentali biex ikun jista' jsir djalogu iktar profund, b'mod partikolari ma' pajjiżi li jiproduċu;
6. Jenfasizza l-irwol importanti tal-proċess ta' tkabbir fl-iżvilupp tal-applikazzjoni mifruxa tal-*acquis* tal-Komunità fis-settur tal-enerġija; f'dan ir-rigward, iqis lit-Turkija bħala sieħeb importanti għall-istrateġija tal-UE dwar l-enerġija u jinnota l-ftehimiet li t-Turkija ikkonkludiet mal-pajjiżi ġirien (eż. mal-Greċja u l-Italja dwar il-pajplajn ta' gass naturali ITGI, mal-Ażerbajġan u mat-Turkmenistan) għall-fluss ta' fornimenti ta' enerġija;
7. Jitlob għall-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' dispożizzjonijiet ta' "interdipendenza enerġetika" fil-ftehimiet tal-UE ma' pajjiżi produttori barra l-Ewropa, li jkopru kwistjonijiet bħal ma huma l-investiment u l-protezzjoni tal-investiment, l-iżvilupp u l-protezzjoni fiżika tal-infrastruttura, l-aċċess għas-swieq, id-djalogu dwar l-iżviluppi fi kwistjonijiet dwar is-suq u l-politika, ftehimiet ta' tranżitu u dispożizzjonijiet għar-risoluzzjoni tat-tilwim;
8. Jenfasizza l-importanza tan-negozjati attwali bejn l-UE u r-Russja għall-konklużjoni ta' ftehimia ġdida li tissostitwixxi l-Ftehimia ta' Sħubija u Kooperazzjoni tal-1997; huwa tal-opinjoni li d-dispożizzjonijiet tal-enerġija jridu jkunu parti prinċipali minn din il-ftehimia ġdida sabiex isir iktar titjib f'oqsma varji tar-relazzjoni enerġetika bejn l-UE u r-Russja; jitlob, għaldaqstant, għall-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet ta' interdipendenza enerġetika li jorbtu bil-liġi f'dan il-qafas bil-għan li jkun hemm koperazzjoni industrijali miżjuda fil-qasam tal-enerġija bejn l-UE u r-Russja;
9. Jinnota l-importanza tad-djalogu dwar l-enerġija bejn l-UE u l-OPEC u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tintensifika d-djalogu tagħha dwar l-enerġija man-Norveġja; jenfasizza li l-koperazzjoni mal-pajjiżi tar-reġjun tal-Kaspju tibqa' prijorità importanti;
10. Jitlob għal żvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet enerġetiċi ma' msieħba bħalma huma l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Awstralja, il-Kanada u l-Ġappun u ma' pajjiżi konsumaturi li qed jikbru b'rata mgħaġġla bħaċ-Ċina u l-Indja; jenfasizza l-importanza ta' djalogu msaħħaħ dwar l-enerġija ma' pajjiżi li għandhom potenzjal fil-qasam tal-produzzjoni tal-enerġija alternattiva;

11. Iqis, li l-Unjoni Ewropea għandha tintensifika d-djalogu transatlantiku u l-kooperazzjoni mal-Istati Uniti tal-Amerka, bħala l-akbar konsumatur, rigward is-sostenibilità u l-effiċjenza fl-enerġija;
12. Jinnota li għalkemm ir-realizzazzjoni ta' proġetti bħalma huma l-pajplajn tal-gass "Trans-Sahara", il-pajplajn "South Stream", il-pajplajn tal-gass naturali ITGI li diġà qed tinbena u l-pajpline Nabucco se jikkontribwixxi għad-diversità tal-fornimenti tal-gass għall-Ewropa fil-medda t-twila, għandu jsir iktar fil-medda qasira sa dik medja biex tiġi ffaċilitata l-esportazzjoni tar-riservi żviluppata tal-gass Kaspju lejn l-Ewropa; jitlob li jkun hemm sforz Ewropew konġunt taħt il-presidenza Ċeka tal-Unjoni Ewropea u l-Presidenzi tal-UE li ġejjin biex jiġu appoġġjati l-produtturi fl-istabbiliment ta' Linja tal-Gass fin-Nofsinhar;
13. Jenfasizza l-importanza ta' approvazzjoni u implimentazzjoni mill-iktar fis tal-“Pakkett ta' azzjoni dwar il-klima u l-enerġija rinnovabbli”, biex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ u biex jitħeġġu sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
14. Iqis li r-ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona ħa tkompli ssaħħaħ l-isforzi kollha biex tiġi stabbilita politika komuni Ewropea dwar l-enerġija.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Vittorio Agnoletto, Angelika Beer, Monika Beňová, Giorgos Dimitrakopoulos, Michael Gahler, Jas Gawronski, Alfred Gomolka, Klaus Hänsch, Richard Howitt, Ioannis Kasoulides, Maria Eleni Koppa, Helmut Kuhne, Johannes Lebech, Philippe Morillon, Baroness Nicholson of Winterbourne, Raimon Obiols i Germà, Vural Öger, Janusz Onyszkiewicz, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, João de Deus Pinheiro, Samuli Pohjamo, Bernd Posselt, Libor Rouček, Christian Rovsing, Flaviu Călin Rus, Katrin Saks, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, Hannes Swoboda, István Szent-Iványi, Konrad Szymański, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Ari Vatanen, Andrzej Wielowieyski, Zbigniew Zaleski, Josef Zieleniec
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexandra Dobolyi, Árpád Duka-Zólyomi, Kinga Gál, Aurelio Juri, Aloyzas Sakalas, Inger Segelström

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 -: 5 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Šarūnas Birutis, Jan Březina, Philippe Busquin, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, András Gyürk, Fiona Hall, David Hammerstein, Erna Hennicot-Schoepges, Mary Honeyball, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Werner Langen, Anne Laperrouze, Eluned Morgan, Antonio Mussa, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Atanas Papanizov, Aldo Patriciello, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Anni Podimata, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Nikolaos Vakalis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Matthias Groote, Toine Manders, Vittorio Prodi, Esko Seppänen, Silvia-Adriana Țicău, Roberts Zīle
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marian-Jean Marinescu